# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 9 ta’ Jannar, 2001**

**Numru 7**

**Avviz Nru. 1364/98 DM**

**Joe Brincat li jezercita l-kummerc f’isem Inatrade**

**vs**

**The Edible Oil Refining Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-7 ta’ April, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz tal-attur ghal-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu sitt mija tnejn u tmenin liri Maltin u seba u ghoxrin centezmi (Lm682.27) rappresentanti n-kwantu ghal LM600.30 printing labels ta' "Top Chef" u LM 81.97, 216 rolls brown packing tape.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal- ittra bonarja tat 28 ta' Jannar 1998 u tal-ittra ufficjali ta' 16 April 1998 u bl-imghax li sal-lum jammonta ghal LM94.71 u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta fejn eccepew:-

1) Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap 16);

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija in kwistjoni ma kienetx tal-kwalita' pattwita;

3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpannija konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi, bl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti issollevaw il-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar ikkontemplata fl-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, izda dan b'riferenza biss ghall-prezz tal-labels 'Top Chef' ammontanti ghall-LM600.30 skond l-invoice 467 tat-13 ta Awissu 1996 (Dok JB1 a fol. 8).

Billi l-bejgh gie kkompletat fit-13 ta Awissu 1996 il-perijodu ta 18 il-xahar ikun gie li skada fit-13 ta Frar 1998 u ghalhekk, fin-nuqqas ta prova ta xi interuzzjoni tal-perijodu tal-preskrizzjoni qabel din l-ahhar data, it-talba attrici fejn tirrigwarda il-prezz tal-'labels' ghandha titqies preskritta.

Mid-deposizzjoni tal-attur jirrizulta illi l-ewwel att gudizzjarju spedit lill-konvenuti u idoneu ghall-interruzzjoni tal-presekrizzjoni kien l-ittra ufficjali ta April 1998 u ghalhekk dan kien fi zmien wara li kienet digia preskritta l-azzjoni attrici fir-rigward tal-prezz tal-labels.

> Ghalhekk ma tirrizulta ebda interruzzjoni tal-perijodu ta preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz u l-azzjoni attrici kienet digia preskritta meta ddecieda li jibghat l-ittra ufficjali imsemmija u konsegwentement tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u tichad it-talba attrici fejn tirrigwarda l-prezz tal-imsemmija 'labels'.
>
> Dwar is-somma ta LM81.97, prezz ta 216 'rolls of brown packing tape', Benny Grech ghall-konvenuti ddikjara li ma jkollux kontestazzjoni jekk tirrizulta prova tal-konsenja.
>
> Ghalhekk, wara li l-Qorti rat il-kopja tad-'delivery note' numru 1177 tas-17 ta April 1997 li ghaliha saret ukoll riferenza fl-invoice relativa numru 923 tal-istess data, issib li l-attur wasal ghall-prova tal-konsenja u ghalhekk tilqa t-talba attrici in kwantu tirreferi ghall-istess 'packing tape rolls'.
>
> Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici in kwantu biss hija diretta ghall-hlas tas-somma ta LM81.97, prezz ta 'packing rolls' u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-imsemmija somma lill-attur fl-imkien mal-imghax legali mis-17 ta April 1997.
>
> L-ispejjes jithallsu in kwantu ghall-ottava parti mill-konvenuti u l-bilanc mill-atturi.

Minn dik is-sentenza appella r-rikorrent permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fl-14 ta' April, 2000, fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, inkwantu cahdet it-talba tieghu ghall-ammont ta' Lm600.30c u jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi minflok ikkundannata thallsu dan l-ammont, bl-imghax kif mitlub, u li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallsu Lm81.97c, prezz ta' *packing rolls* bl-imghax kif deciz u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenutaipprezentat risposta ta' l-appell fit-18 ta' April, 2000, fejn talbet illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

In realta', t-tezi ta' l-appellanti hija illi l-provi huma indikattivi li n-negozju li sar bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' bejgh bl-imnut imma wiehed *wholesale*. Ir-rikors ta' l-appell jittratta dwar dan u anke s-sottomissjonijiet li saru oralment f'din l-istanza itendu biex jikkonvincu lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li taht ebda cirkostanza dan in-negozju ma seta' jigi konsidrat bhala bejgh bl-imnut.

L-argument principali huwa partikolarment l-ammont involut fil-bejgh u anke sottomissjonjiet ohra dwar ir-relazzjoni kummercjali li kienet ilha tezisti bejn il-kontendenti. In realta', l-appellanti jrid lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li invece hawn si trattata ta' bejgh *wholesale*. Konkluzzjoni li, pero', din il-Qorti m'hijiex pronta li tasal ghaliha, ghaliex taht ebda cirkostanza ma jidher illi tista' thares lejn u tikkwalifika dan in-negozju li sar bejn il-partijiet u li hu deskritt tajjeb fis-sentenza appellata, anke lontanament, bhala wiehed "w*holesale"*. Veru li si trattava ta' bejgh ta' *stickers* f'ammont konsiderevoli, veru li jidher li kien hemm negozju li kien jidher li kien ilu sejjer bejn il-kontendenti fuq l-istess linji, pero', m'hemm xejn x'jindika jew x'jikkonvinci lil din il-Qorti li ghandha

tasal ghall-konkluzzjoni li m'ghandhiex thares lejn dan in-negozju li sar bhala wiehed ta' bejgh bl-imnut.

Konsegwenza ta' dan hija li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, inkwantu ddecidiet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni hija korretta, bhal ma del resto hija korretta l-parti l-ohra fejn laqghet in parte t-talba attrici.

L-appell ghalhekk qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata kif inhi, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

Dep/Reg

mm